IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 56**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 19 ta' Lulju 2016 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Christian Azzopardi | Ambaxxatur |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**0.01** **Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa *item* nru 4 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti rendikont finanzjarju. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.** Bdil fl-ordni tal-aġenda

**4.00** ***Quarterly Financial Statements* (April - Ġunju)**

4.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Statements* għall-perjodu ta' April – Ġunju 2016. *Quarterly Financial Statements* (April - Ġunju)

4.02 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Report* jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-*Quarterly Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 55**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G55 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 55

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 55**

Punti li joħorġu mill-Minuti G 55

2.01 5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kienet tkellmet mal-kuntrattur u kellu jagħtina kwotazzjoni.

Siġar f'Misraħ Anton Agius

2.02 5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-*handyman* tal-Kunsill kien infurmha li x-xogħol mill-kuntrattur kien beda.

Tiżriħ ta' pjanti fi Triq Santa Rita

2.03 10.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-kopja tal-petizzjoni kienet intbagħtet.

Petizzjoni – *Lift* Ċentru Ċiviku

2.04 10.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li x-xogħol mill-*handyman* tal-Kunsill kien għadu ma nbediex.

Il-blata ta' Vincenzo Ciappara

2.05 12.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien infetaħ każ mal-*insurance* tal-Kunsill.

Vandaliżmu fuq il-bandli tal-Baħrija

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li taħt l-iskema għall-manutenzjoni tal-komun fil-binjiet tal-gvern maħruġa mill-Awtorità tad-Djar fis-sena 2015, il-Kunsill irid jidentifika żewġ blokok oħra mit-€30,000 li ġew allokati lilu. Għaldaqstant is-Sindku ppropona li ż-żewġ blokki tal-appartamenti li ser jipparteċipaw fl-iskema ikunu, Blokk B (1-8) u Blokk B (9-16). Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Skema għall-Manutenzjoni tal-Komun fil-Binijiet tal-Gvern

3.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li waslu għandu diversi lmenti li l-gwardjani lokali kienu ma̅rru iħarrku l-pubbliku inti u dieħel il-Baħrija. Huwa saħaq li dawn il-gwardjani lokali ma kinux mibgħuta mill-Kunsill.

Gwardjani Lokali l-Baħrija

3.03 Is-Sindku saħaq dwar in-nuqqas ta' attendenza għas-seduti tal-Kunsill ta' xi Kunsilliera, b'mod speċjali tal-Kunsillier Paul Grech. Huwa qal li l-Kunsillier Grech qed jonqos ukoll milli jattendi s-seduti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija li tiegħu huwa Ċerpersin.

Nuqqas ta' attendenza u koperazzjoni minn xi Kunsilliera u membri tal-Kumitati Amministrattivi

Il-Kunsillier Rudolf Grima saħaq dwar l-importanza li l-Kunsilliera kif ukoll il-membri tal-Kumitati Amministrattivi jaħdmu u jikkoperaw flimkien.

Il-Kunsillier Rudolf Grima ppropona li ssir laqgħa pubblika oħra mar-residenti tal-Baħrija sabiex jiġu diskussi diversi problemi li qed jaffaċċjaw ir-residenti tal-

Baħrija. Huwa ppropona wkoll li l-laqgħa pubblika ssir ġewwa l-iskola tal-Baħrija. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dwar din il-laqgħa pubblika kienet ser tinforma lill-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija.

3.04 Is-Sindku ppropona li hekk kif kien ġie deċiż f'seduta G52 jinġabu l-permessi meħtieġa sabiex tiġi msaqqfa r-rampa li saret fi Triq Santa Rita li tagħti għal Triq ir-Rebħa. Huwa qal li din ir-rampa mhux qed tintuża mill-pubbliku minħabba l-ammont kbir ta' ħmieġ tal-għasafar li qed ikun fiha. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. *Tissaqqaf ir-rampa ta' Triq Santa Rita*

**5.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

5.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 259 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. *L-iskeda tal-ħlasijiet numru 259*

**6.00 Ħruġ tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Areas***

6.01 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerti taż-żoni 1-4, kien hemm qbil unanimu li tinħareġ sejħa waħda għall-offerti għal-lokalità kollha tar-Rabat, inkluż ukoll taż-żbir tas-siġar u tisqija ta' pjanti fil-*pots* taċ-ċentru tar-Rabat. *Ħruġ tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' Soft Areas*

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għaż-żamma u manutenzjoni ta' *soft areas*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**7.00 Korrispondenza**

7.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0491/16**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva suġġeriment mingħand Dr.Tania Mizzi sabiex il-Kunsill jikkonsidra l-implimentar ta' *residents parking scheme* fil-lokalità. *Suġġeriment għall-implimentar ta' residents parking scheme*

Wara diskussjoni li saret il-Kunsillier Rudolf Grima ppropona li ssir talba lil Transport Malta. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0581/16**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Ministru kien laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-post tal-Kunsillier Ian Vassallo ma jiġix dikjarat vakanti. *Attendenza tal-Kunsillieri*

7.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0611/16**, is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza riċevuta mill-avukata tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità rigward l-istat ta' Triq Binġemma Fort. Peress li din it-triq tiġi tiswa ammont konsiderevoli ta' flus sabiex tiġi *resurfaced* u lanqas hija fil-pjan ta' ħidma tal-Kunsill għal din is-sena, il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li titnaddaf it-triq bi *sweeper* u wara tingħata *extensive patching*. Is-Sindku Charles Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. *Każ KNDP dwar Triq Binġemma Fort.*

7.04 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill kif mitlub mid-Direttur tal-Gvern Lokali, Ċirkulari 6/2016 – Obbligi u Dmirijiet tas-Segretarju Eżekuttiv. | Ċirkulari 6/2016 – Obbligi u Dmirijiet tas-Segretarju Eżekuttiv

**8.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduta numru B22**

8.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija B22 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Minuti KA Baħrija – Seduta numru B22

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fid-9.10 ta' filgħaxija

**9.00 Materji Oħra**

9.01 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Direttiva Numru 1/2016 – Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*) | Direttiva Numru 1/2016 – Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*)

Wara li l-Kunsill ikkunsidra din id-direttiva, is-Sindku ppropona li jiġi maħtur il-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta għall-Kostruzzjoni ta' struttura biex tgħatti sejbiet arkeoloġiċi bl-użu ta' metodi u materjal li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent – RLC/T/0154/16 u li jkun kompost kif ġej:

Ċerpersin *PO/ESR* – is-Sna Orietta Cardona
Membru *PO/ES* – is-Sindku Charles Azzopardi
Membru *PO/ES* – is-Sur Andrew Mallia
Membru *PO/ES* – is-Sra Brendaline Attard
Segretarju *PO/ESR* - is-Sra Roberta Galea

9.02 B'referenza għad-Direttiva Numru 1/2016 – Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li jinħareġ *tender* għal servizz ta' *Contracts Manager*. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Ħruġ ta' *tender* għal servizz ta' *Contracts Manager*

9.03 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li l-Pjazza ta' San Pawl reġgħet mitfija. Huwa qal li minn informazzjoni li għandu, dan qiegħed jiġri meta jinqata' d-dawl ta' taħt il-loġoġ. | Dwal fil-Pjazza ta' San Pawl

9.04 Il-Kunsillier Ian Vassallo pprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill rapport imħejji minnhu dwar l-istat li jinsabu fih preżentament il-Baħrija u l-madwar. Wara li qara ir-rapport il-Kunsillier Vassallo talba li kopja ta' dan ir-rapport tigi prezentata li Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija. | Rapport dwar l-istat li jinsabu fih preżentament il-Baħrija u 'l-madwar

9.05 Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li ssir il-bankina ta' Triq il-Kbira minħabba l-istat li tinsab fih. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. | Bankina ta' Triq il-Kbira

9.06 Il-Kunsillier Andrew Mallia qal li l-qtugħ tal-ħaxix madwar ir-Rabat mhux qed isir. Is-Sindku informa l-laqgħa li minn informazzjoni li għandu l-qtugħ ta' ħaxix kien | Qtugħ ta' ħaxix

inbeda.

**10.00 Data tas-seduta li jmiss**

10.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2016 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

10.02 Il-laqgħa ntemmet fl-9.45 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta ... 23 ... ta' Awwissu ... 2016

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**